*- MANDAT TA' INIBIZZJONI –*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 1 ta' Dicembru 2015.**

**Rikors Numru: 1652/2015/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1652/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Paola Cassar (ID 78I436M),**
**Anna Hili (ID 338073M),**
**Joseph Cassar (ID 391577M)**
**Maria Concetta Licari (ID7663M)**
**Anthony Cassar (ID114464M)**
**Georgette Ferranti (ID470065M)**

**vs**

**i. Angelo Xuereb (ID494652M),**
**ii. AX Holdings Limited (C3595),**
**iii. Hilltop Care Home Limited (C 65733)**
**iv. Hiltop Gardens Retirement Village Limited (C 65735)**
**v. Hilltop Management Services Limited (C 72480)**
**vi. AX Finance Limited (C 6867)**
**vii AX Investments plc (C27586) u**
**viii. B&B Construction Limtied (C 5418)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Paola Cassar, Anna Hili, Joseph Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar u Georgette Ferranti pprezentat fl-20 ta' Ottubru 2015 fejn talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati biex jinzammu milli jkomplu jiskavaw jibnu, jew altrimenti jaghmlu xoghlijiet ta' kwalsijasi natura, kif ukoll milli jinvadu jew jokkupaw jew altrimenti jghaddu minn fuq l-ghalqa imsejha "Tas-Simblija" fl-inhawi ta' Triq il-Forga, Naxxar, murija *in parte* fl-annessa pjanta markata bhala Dok. 'TC 1' u di proprjeta' tar-rikorrenti, liema ghalqa ghandha kejl ta' cirka 1,200 metru kwadru konfinanti Majjistral u Punent mat-triq, Ilvant u Xlokk ma' gid ta' Angelo Xuereb.

Illi huma ppremettew li huma l-proprjetarji tal-ghalqa surriferita u jokkupaw l-istess. Illi recentement l-intimati, jew min minnhom, bdew xoghlijiet ta' skavar u tahmil fl-ghalqa adjacenti di proprjeta' taghhom, jew min minnhom, u fil-kors tal-istess xoghlijiet invadaw l-ghalqa di proprjeta' tar-rikorrenti;

IIIi tali xoghlijiet da parti tal-intimati, jew min minnhom, jikkontravjenu d-drittijiet tar-rikorrenti.

Illi in oltre l-esponenti u AX Holdings Limited diga' kienu iffirmaw skrittura privata datata 3 ta' Lulju 2013 (anness Dok. "TC2") li biha qablu dwar il-konfini bejn l-art in kwistjoni u dawk adjacenti, izda AX Holdings Limited, li hija kumpanija kontrollata mill-intimat Angelo Xuereb proprio u hija relatata mal-kumpaniji intimati l-ohra qed tikser dak stipulat fl-imsemmi ftehim. Jghidu li l-agir tal-intimati jew min minnhom ser jippregiudika l-jeddijiet taghhom u ghalhekk hu misthoqq il-mandat odjern.

Rat id-digriet tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-3 ta' Novembru 2015, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Angelo Xuereb AX Holdings Ltd., Hillop Care Home Limited, Hilltop Gardens Retirement Village Ltd, Hilltop Managment Services Limtied u AX Finance Ltd datata 26 ta' Ottubru 205 a fol 8 tal-process.

Rat ir-risposta ta' B&B Construction Limited (C548) datata 6 ta' Novembru 2015 a fol 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr Carl Grech u Dr Massimo Vella, u deher l-intimat Angelo Xuereb assistit minn Dr David Wain.  Deher Dr Pawlu Lia ghas-socjeta` intimata B&B Construction Ltd. Il-Qorti ordnat li l-atti tal-Mandat ta' Inbizzjoni jkunu separati mill-atti tar-rikors b'urgenza tal-11 ta' Novembru 2015.  Dawn l-ahhar atti ghandhom jigu estromessi mill-process tal-mandat sabiex jiddahhlu fi process separat, li ghandu jinghata numru appozitu. Dr Carl Grech prezenta nota b'affidavit *seduta stante*. Id-difensuri tar-rikorrent u ta' AX Holdings Ltd qablu li l-linja medjana stabbilita minnhom mir-rapprezentanti taghhom stess hija murija fuq **Dok AX03** u cioe` hija demarkata fizikament b'musmar. Xehed bil-gurament tieghu Angelo Xuereb, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Massimo Vella *in visto* ta' dak dikjarat bil-gurament mis-Sur Angelo Xuereb fis-sens illi xoghlijiet fil-hajt waqfu kif muri a fol 43 tal-process, iddikjara li huwa f'pozizzjoni li ma jibqax jinsisti fuq it-talba kontenuta fil-mandat, izda talab li jkun hemm decizjoni fuq il-kap tal-ispejjez. Il-Qorti halliet ir-rikors ghal digriet kamerali fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u  l-atti kollha pprezentati.

Rigward id-dokument muri a fol 43 tal-process, il-Qorti tinnota li dan id-dokument kien anness mar-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-11 ta' Novembru 2015 ghad-disprezz tal-Qorti kontra l-intimati. Dan ir-rikors, kif hekk ivverbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 gie estromess mill-atti odjerni sabiex jinfetah process separat. Ghalhekk kull riferenza ghar-ritratt imsemmi ghandu jirreferi ghall-Dok AC2 anness mar-rikors imsemmi tal-11 ta' Novembru 2015 daqslikieku qieghed hawn esebit.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li r-rikorrenti cedew il-mertu tar-rikors odjern wara li nstemghet ix-xhieda ta' **Angelo Xuereb** u din id-decizjoni tikkoncerna l-ispejjez gudizzjarji ghal dawn il-proceduri. Dan ifisser li l-Qorti jkollha ta' bilfors tinvestiga l-mertu tat-talba odjerna.

Bhala l-ewwel osservazzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li l-partijiet qablu li l-linja divizorja bejn il-proprjetajiet taghhom giet fizikament immarkata b'musmar fuq kantun muri fir-ritratt **Dok. AX03.** Hu pacifiku li dan is-sinjal ghadu f'postu. Skont kif xehed Angelo Xuereb, mhux kontradett li dan il-hajt kien ilu mibni hemm minn 2014.

Illi r-rikorrenti esibew affidavit ta' **Mario Attard Trevisan** li jghid li l-angolu tat-tarf tal-hajt li jhares fuq triq il-Forgja qed idur ghal fuq il-proprjeta' tal-familja Cassar. Dan ifisser li jekk il-hajt ikompli jinbena fuq l-angolu li qieghed imfassal, dan jkun ser jkompli jinvadi l-proprjeta' tal-familja Cassar.

Madanakollu kien hemm qbil fit-trattazzjoni li s'issa ma kienx hemm invazjoni u l-invazjoni setghet tavvera jekk il-hajt ikompli jinbena skont kif issuggerixxa s-*surveyor*. Izda fuq dan il-punt jirrizulta mix-xhiedha ta' **Angelo Xuereb** li x-xoghlijiet li kellhom isiru fil-fatt saru u tlestew u l-pedament li fuqu hemm il-musmar mhuwiex ser jinbena billi hemmhekk gej nofs it-triq. Ix-xhud ippreciza li s-sinjal muri bil-musmar effettivament jinsab f'proprjeta' pubblika .

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, l-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti lanqas setghu juru imqar fuq bazi *prima facie* li ghandhom jedd ghat-talba u li hemm in-necessita' ghall-hrug ta' dan il-mandat. Difatti jirrizulta li l-hajt kien gja tlesta sal-punt muri fuq ir-ritratt **Dok AC2** (gja a fol 43), li ma hemmx invazjoni sa fejn hu gja mibni, u li l-pedament li fuqu r-rikorrenti kienu qed jipprospettaw li ser jitkomplu x-xoghlijiet, effettivament jinsab fi triq pubblika. Dan il-pedament eventwalment ser jintradam biex issir il-bankina u t-triq.

Rigward l-intimat B & B Construction Limited, irrizulta mhux kontradett li din il-kumpanija kienet involuta fil-kostruzzjoni bhala sub-kuntrattur ghall-AX Holdings Limited, il-kuntrattur principali. B & B Construction Limited lestiet x-xoghlijiet lilha kkuntrattati.

## <u>III. DECIDE.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, dini l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu tat-talba, tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mir-rikorrenti solidalment bejniethom.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**01 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**01 ta' Dicembru 2015**